

Brussell, 26 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14602/23

SOC 717
EMPL 506

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali Fatra tas-Sur Kiril ZHELYAZKOV, membru għall-Bulgarija, minflok is-Sur Rumen RADEV, li rriżenja

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Rumen RADEV bħala membru tal-Kumitat imsemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-impjegaturi (għall-Bulgarija).
2. Skont l-Artikolu 75 tar-Regolament (KE) 883/2004 tad-29 ta' April 2004¹ li jistabbilixxi l-Kumitat ta' Konsulenza għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill, waqt li bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Settembru 2020², il-ħatriet huma validi għal perjodu ta' ħames snin.

¹ ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.

² ĠU C 315, 23.09.2020, p. 1.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-gvern tal-Bulgarija nnomina lill-kandidat li ġej biex jieħu post il-membri li rriżenja għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fid-19 ta' Ottubru 2025:

Is-Sur Kiril Zhelyazkov
Membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Assoċjazzjoni Bulgara tal-Kapital Industrijali
15 Trakia str.,
BG-1527 Sofia
Tel.: + 359 2 963 37 52
e-mail: bica@bica-bg.org

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għalhekk jissuġġerixxi lill-Kunsill biex:

- (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża li tissostitwixxi membru tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali, u
- (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
ta'
li tissostitwixxi membru
tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali³, u b'mod partikolari l-Artikolu 75 tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-Deċiżjoni tiegħu tal-21 ta' Settembru 2020⁴, il-Kunsill ħatar lill-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali għall-perjodu li jintemm fid-19 ta' Ottubru 2025.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Rumen RADEV sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-impjegaturi.
- (3) Il-gvern tal-Bulgarija nnomina kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

³ ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.

⁴ ĠU C 315, 23.09.2020, p. 1.

Artikolu 1

Is-Sur Kiril ZHELYAZKOV huwa b'dan maħtur membru tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali minflok is-Sur Rumen RADEV għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fid-19 ta' Ottubru 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill
Il-President
